



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 183/21
il-Lussemburgo, 8 ta' Ottubru 2021

Stampa u Informazzjoni

Lars Bay Larsen elett Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parpjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Lars Bay Larsen ġie elett Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn it-8 ta' Ottubru 2021 u s-6 ta' Ottubru 2024. Huwa qed jissostitwixxi f'din il-kariga lil Rosario Silva de Lapuerta.

Curriculum vitae ta' Lars Bay Larsen

Imwiedel fl-1953 fi Gladsaxe, Kopenħagen (id-Danimarka), Lars Bay Larsen studja fil-København Universitet (l-Università ta' Kopenħagen, id-Danimarka). Huwa ggradwa fix-xjenzi politiċi fl-1976. Fl-1978 huwa nkiteb mill-ġdid fil-Fakultà tad-Dritt ta' din l-istess università u minnha kiseb il-lawrea fid-dritt fl-1983.

Kif spiċċa l-università, ġie nnominat uffiċjal fil-Ministeru għall-Ġustizzja Daniż, fejn īnadem mill-1983 sal-1985. Mill-1985 sal-1986, huwa assuma l-funzjonijiet ta' kap ta' taqsima fl-Advokatsamfund (l-Assoċjazzjoni Daniża tal-kamar tal-avukati). Lura fil-Ministeru għall-Ġustizzja Daniż, huwa okkupa suċċessivament il-pożizzjoni ta' kap tad-dipartiment mill-1986 sal-1991, ta' kap tad-diviżjoni mill 1991 sal-1995, ta' kap tad-Dipartiment tal-Pulizija mill-1995 sal-1999 u ta' kap tad-Dipartiment Ġuridiku mill-2000 sal-2003. F'dan iż-żmien ukoll intalab jirrappreżenta lid-Danimarka fil-Kumitat K-4 mill-1995 sal-2000, fil-Grupp Ċentrali ta' Schengen mill-1996 sal-1998 u fil-Kunsill ta' Amministrazzjoni tal-Europol mill-1998 sal-2000. Wara li ġie ammess bħala avukat fid-Danimarka fl-1991, il-karriera tiegħu ġiet indirizzata fl-2003 lejn il-ġudikatura u ngħaqad mal-Højesteret (il-Qorti Suprema, id-Danimarka), fejn eżerċita l-funzjonijiet ta' mħallef sal-2006.

Il-karriera ta' Lars Bay Larsen turi barra minn hekk il-komplementarjetà kbira bejn il-prattika u t-tagħlim, peress li, mill-1984 sal-1991, huwa kien inkarigat mill-korsijiet¹, imbagħad, mill-1991 sal-1996, professur assoċjat fid-dritt tal-familja fil-København Universitet. Mill-2008, ġie inkarigat mill-korsijiet tad-dritt kriminali Ewropew fl-Università tal-Lussemburgo.

Lars Bay Larsen huwa Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill 11 ta' Jannar 2006. Elett mill-pari tiegħu fil-funzjonijiet ta' President ta' Awla, huwa eżerċita din il-pożizzjoni għal żewġ mandati suċċessivi, mid 9 ta' Ottubru 2012 sat 8 ta' Ottubru 2018.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

¹ Ara l-Istqarrija għall-istampa [Nru 181/21](#) tas-7 ta' Ottubru 2021.